**Stqarrija tac-Chairman lill-Membri** (1)

Il-qagħda finanzjarja tal-Grupp tal-Lombard Bank kompliet tissaħaħ fl-2023 f'kuntest ta' andament ekonomiku pozittiv, u ġie rreġistrat qligh qabel it-taxxa ta' €14.5 miljun. Iż-żewġ komponenti tal-Grupp, Lombard Bank Malta p.l.c ('il-Bank') u MaltaPost p.l.c, ikkontribwew għal dan ir-riżultat sodisfaċenti. Filwaqt li l-kwantita' ta' self li seta' jagħti l-Bank naqas, u allura anke il-profitt, għall-biċċa l-kbira tas-sena, u dan għal raġunijiet li se jiġu spjegati aktar tard, id-dħul tal-Bank ibbenefika minn rati ta' imgħax ogħla. F'MaltaPost p.l.c, sadanittant, il-profitti ġew xprunati l-aktar minn żieda fil-kummerċ elettroniku u fil-pakketti, iżda wkoll minn effiċjenza akbar f'xi servizzi postali u minn żidied żgħar f'xi tariffi postali.

Is-sors ewlieni tad-dħul tal-Bank fl-2023 kien għal darb'oħra l-imgħax nett, li jammonta għal kważi 80% tad-dħul kollu. Fil-biċċa l-kbira, żewġ fatturi kienu responsabbli għal din iż-żieda, jiġifieri l-operazzjonijiet fis-suq monetarju u is-self. Fl-ewwel każ, dħul akbar kien riflessjoni taż-żiediet notevoli mill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rati tal-imgħax, rati li qabel kienu negattivi. Fir-rigward tas-self, li madankollu baqa' l-akbar sors ta' dħul ta' imgħax, għall-biċċa l-kbira tas-sena l-andament kien influwenzat mill-ħtieġa li l-Bank jibqa' konformi mar-rekwiżiti regolatorji dwar il-kapital. Dan, flimkien mal-fatt li r-rati medji tas-self ma żdidux, wasal biex id-dħul minn dan is-sors kien kajman. Miżati netti u dħul mill-kummissjonijiet kif ukoll dħul minn dividendi ukoll ikkontribwew. B'riżultat ta' dawn il-movimenti kollha, id-dħul mill-operat kollu tal-Bank laħaq livell rekord ta' €32.9 miljun.

L-ispejjeż tal-operat tal-Bank kibru b'rata aktar bil-mod minn dik tal-2022 u ammontaw għal €17.7 miljun. Pagi u benefiċċji għall-impjegati għal darb'oħra ammontaw għal ftit aktar minn nofs l-ispiża totali. Għalkemm in-numru tal-impjegati tal-Bank żdied biss marġinalment, kienet meħtieġa nefqa ogħla biex ġew impjegati u nżammu nies kompetenti u kwalifikati f'suq tax-xogħol dejjem diffiċli. Għal din l-istess raġuni, kif ukoll minħabba l-ħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mar-regolamentazzjoni li kull ma jmur baqgħet tikber, iktar ħin u riżorsi ġew allokati għat-taħriġ tal-impjegati. Spejjeż oħra ewlenin tal-Bank partikolarment dawk relatati mal-informatika, servizzi tal-*cards* u regolamentazzjoni, ma esperjenzawx tibdil sinifikanti.

Bħala riżultat ta' immaniġġjar għaqli tal-ispejjeż, li kibru inqas mid-dħul tal-Bank, u wara li twarrbu fondi bħala prekawzjoni għal possibilita' ta' telf mis-self, dan kif meħtieġ skont ir-regolamentazzjoni, il-*Cost-to-Income Ratio* kompla jonqos fl-2023. Ir-riżultat ta' dawn il-movimenti kien l-ekwità tal-Bank laħqet €186 miljun.

Sadattant, il-mudell tan-negozju tal-Bank, validat fuq medda' ta' snin, kompla jirrifletti f'tisħiħ tal-bażi finanzjarja, dan b'riflessjoni ukoll tal-kultura ta' kawtela f'dak li hu riskju. Fl-aħħar tas-sena t-*Total Capital Ratio* u l-*Liquidity Ratio* kienu ferm ogħla mill-minimu regolatorju b'21.0% u 301.8%, rispettivament, kif kien il-*Leverage Ratio* li kien kważi ħames darbiet il-livell minimu regolatorju. Indikaturi oħra tas-saħħa finanzjarja jinkludu il-*Loan to Deposit Ratio* u l-proporzjon ta' faċilitajiet

teknikament meqjusin bħala *Non-Performing Loans*, li kienu f'livelli prudenti ta' 74.3% u 3.7%, rispettivament. Bl-istess mod, huwa sinifikanti wkoll il-fatt li l-medja tal-*Loan-to-Value Ratio* ta' dan is-self kien biss madwar 50%.

Il-Bank kompla bil-proċess tad-diversifikazzjoni tas-self, aspett importanti ieħor tal-immaniġġjar tajjeb tar-riskju. Ix-xejra pożittiva fis-self personali kompliet. Dan issa laħaq kważi terz tas-self kollu, prinċipalment riflessjoni ta' żieda qawwija fis-self għal xiri ta' djar. Il-Bank jagħmel użu minn sistemi diġitali għal-imaniġġjar ta' dan is-self, sostnuti minn tim ta' uffiċjali kkwalifikati f'dan il-qasam. Il-kwalità tajba tas-self tal-Bank hija wkoll riflessa fil-livelli relattivament għolja ta' kollaterali li jagħmel tajjeb għal dan is-self li issa laħaq medja ta' tliet darbiet l-ammont tas-self attwali.

Min-naħa l-oħra, il-Bank kompla jattira b'mod kostanti depożiti, il-biċċa l-kbira depożiti fissi għal żmien fit-tul, riżultat tar-rati ta' imgħax tajba abbinati ma' dawn id-depożiti.

Matul is-sena l-Bank kompla jimplimenta l-prijoritajiet strateġiċi kif kontemplat fil-*Business Plan* 2023-2025, partikolarment fejn jirrigwarda t-tkabbir tal-preżenza fiżika tal-Bank ġewwa l-pajjiż u t-tibdil tas-sistema bankarja, inklużi s-sistemi diġitali u dawk tal-pagamenti. Il-pjattaforma diġitali intiża għal-ftuħ ta' kontijiet tal-klijenti u monitoraġġ kontra l-ħasil tal-flus, issa qiegħda titħaddem kompletament. Sar ukoll progress sinifikanti biex ikunu ssodisfati l-obbligi ESG tal-Bank, permezz ta' *Working Group* li qed jimplimenta l-*Action Plan*, u t-tisħiħ tad-difiżi tal-Bank fil-qasam tas-*cybersecurity.*
Kif semmejt qabel, is-sussidjarja tal-Bank, il-MaltaPost p.l.c. ukoll ikkontribwixxiet għall-prestazzjoni pożittiva tal-Grupp, u rreġistrat profitt qabel it-taxxa ta' €2.3 miljun. Il-ħidma ta' diversifikazzjoni, l-kummerċ elettroniku u tal-pakketti, ipproduċa dħul ogħla. Dawn il-fatturi fil-biċċa l-kbira pattew għat-telf minħabba t-tnaqqis kontinwu fil-volumi tal-Ittri Postali u l-ispiża biex tonora l-obligi tal-*Universal Service*. F'dan ir-rigward, għalkemm ir-Regolaur approva xi żidied żghar tat-tariffi, it-tariffi tas-servizz postali domestiċi f'Malta jibqgħu fost l-aktar baxxi fl-Ewropa. Kien hemm ukoll żieda fl-effiċjenza fil-kunsinna tal-ittri u pakketti, fost l-oħrajn permezz ta' investiment f'aktar vetturi elettriċi. Fir-rigward ta' sorsi ta' dħul ġodda, mistennija żidied min-negozju tal-assigurazzjoni u mis-servizzi finanzjarji li toffri l-kumpanija.

Is-sena li għaddiet ma kienetx nieqsa minn sfidi għall-Bank. Tnejn minnhom, b'mod partikolari jistħoqqilhom li jissemmew. L-ewwel kien hemm id-dewmien ta' sena fit-tnedija mill-Bank tar-*Rights Issue*. Kien biss fl-2023 li l-*Qualifying Shareholder* tal-Bank appoġġja din l-azzjoni. Għaldaqstant, il-Bank kien obbligat li jirrifjuta opportunitajiet tajbin ta' self. It-tieni sfida kienet il-piż tar-regolamentazzjoni li kull ma jmur dejjem qed jiżdied, u li qed jassorbi ammont konsiderevoli ta' riżorsi umani u finanzjarji. Għal bank żgħir bħall-Lombard, dan il-fattur huwa aggravat mill-applikazzjoni inadegwata tal-prinċipju ta' proporzjonalità u ma' jitqiesx id-daqs relattivament żgħir tal-Bank u l-mudell tan-negozju konservattiv li jħaddan.

Kif semmejt, ir-*Rights Issue* kienet implimentata b'suċċess, għalkemm tard fis-sena, biex b'hekk il-Bank seta' jaqla' biss parti żgħira tad-dħul li seta jaqla' minn tkabbir f'self, liż-żieda fil-kapital kienet tippermetti f'sena sħiħa. Bħala riżultat ta' dan ix-xkiel fil-profittabbiltà, kif ukoll l-aspettattiva li r-rekwiżiti ta' kapital minimu regolatorju ser jiżdiedu aktar fil-futur qarib, il-Bord tad-Diretturi ħaseb li jkun prudenti li jiġi rakkomandat dividend gross ta' 1.63 ċenteżmu għal kull sehem. Il-benefiċċju sħiħ taż-żieda fil-kapital jista' biss jittieħed matul is-sena kurrenti, li fuq il-bażi tagħha nistennew li nkunu f'pożizzjoni li nipproponu distribuzzjoni ta' madwar terz tal-profitti annwali, dejjem suġġett għall- approvazzjoni regolatorja u l-bżonnijiet tal-Bank.

Il-Bord jemmen li wara ż-żieda fil-kapital, issa jeżistu kundizzjonijiet għal opportunitajiet ta' tkabbir li ġew identifikati u li jistgħu jiġu sfruttati. Dan ser isir mingħajr l-ebda tibdil fundamentali fil-mudell tan-negozju tal-Bank, li b'mod konsistenti ħoloq valur għall-azzjonist mingħajr ma tnaqqas l-impenn tagħna li nżommu operat prudenti. L-għan ewlieni se jkun it-tkabbir tal-*Loan Book* tal-Bank, li huwa s-sors primarju ta' dħul, filwaqt li jinstab bilanċ akbar bejn self kummerċjali u personali, partikolarment self għad-djar. Fl-istess ħin, madankollu, aħna qed nippjanaw ukoll li nkabbru d-dħul li mhux ġej mill-imgħax, permezz fost oħrajn, n-negozju fil-*funds*, servizzi fil-*Wealth Management* u l-offerta ta' prodotti relatati mal-pensjonijiet. Se jsir aktar investiment fl-oqsma tar-riżorsi umani u tat-teknoloġija tal-informatika, fil-preżenza tal-Bank fil-pajjiż u fit-tfittxija ta' sinerġiji mas-sussidjarja postali tagħna.

Fl-aħħar iżda żgur mhux l-inqas, il-Bord se jkompli bl-isforzi tiegħu biex jiżgura li l-*Qualifying Shareholder* tal-Bank iżomm mal-impenn li kien ħa fl-2018 li jiddisponi mill-ishma tiegħu. Il-konklużjoni ta' din il-kwistjoni li ilha pendenti għal ħafna żmien, għandha tibbenefika lill-partijiet kollha kkonċernati, mhux b'inqas lir-relazzjonijiet mal-banek li nikkorrispondu magħhom, kif ukoll tgħin biex nipprovdu viżibbiltà għall-investituri prospettivi.

Fl-aħħar nett, Lombard Bank huwa mgħammar tajjeb biex jibni fuq il-prestazzjoni sodisfaċenti tas-sena li għaddiet u f'isem il-Bord nixtieq nirringrazzja lill-istaff u t-tim maniġerjali, immexxi b'mod kapaċi mill-Kap Eżekuttiv, Joseph Said, li bil-kompetenza u impenn tagħhom wasslu biex dawn ir-riżultati inkoraġġanti jkunu possibbli. Nixtieq nirringrazzja wkoll lil sħabi diretturi u l-i*stakeholders* kollha għal-lealtà u l-appoġġ tagħhom.

**Michael C. Bonello**
**Chairman**

(1) It-test uffiċjali ta' dan id-diskors huwa dak bl-Ingliż.